# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni NRU. 26/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Is-Sur Michael Mangion

u

Preluna Hotel, Sliema.

Chairman : C.J. Mallia.

Data : 11 ta' Settembru 1978

B'ittra li ggib id-data tat-2 ta' Lulju, 1978, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura infurmat lil dan it-Tribunal li s-Sur Michael Mangion ta' Nru. 243/1, Zabbar Road, Paola, kien allega li hu kien gie imkecci ngustament mill-impieg li kellu ta' Night Security Officer fil-Preluna Hotel, Sliema. Ghalhekk il-Ministru rriferiet din il-kwistjoni tax-xoghol lit-Tribunal, skond id-disposizzjonijiet tal-artiklu 28 (2) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXX ta' l-1976).

2. Il-partijiet. Iz-zewg partijiet ghal din il-kwistjoni, igifieri is-Sur Michael Mangion bhala appellant u s-Sur Joseph Preca ghal Preluna Hotel, ghazlu li jmexxu huma stess il-kaz. It-Tribunal, ghalhekk, kellu aktar mis-soltu il-kompitu li jmexxi l-hin kollu liz-zewg nahhat fl-ahjar direzzjoni fl-interessi kemm taghhom u kemm tal-gustizzja.

/.....

3. Il-kaz. Is-Sur Michael Mangion, wara karriera fil-Pulizija Esekutiva ta' Malta, kien gie mahtur mill-Preluna Hotel fit-18 ta' Lulju, 1977, bhala Night Security Officer. Skond collective agreement li l-lukanda kella sa mit-12 ta' Novembru, 1976, mal-Hotel, Food and Allied Workers' Section tal-General Workers' Union, Mr. Mangion kien meqjus 'on probation' ghal tlett xhur. Jidher li kien hemm fiducja, anzi hbiebrija, bejn is-Sur Mangion u s-Sur Joseph Preca, ghad li s-Sur Preca kien jaf li s-Sur Mangion kien daqxejn "rough" (fil-bidu kellhom iwissuh biex ikun inqas rigidu), u s-Sur Mangion stess dan kien jammettih (anke quddiem it-Tribunal huwa stess aktar minn darba ddescriva lilu nnifsu bhala "selvagg"). Il-hinijiet tax-xoghol ta' Mr. Mangion kienu mill-11 p.m. sas-6.30 a.m. (fil-week-ends sat-8.30 a.m.) Bejn it-3 a.m. u s-6.30 a.m., meta ma kienx ikun hemm duty Manager, kienet taqa responsabilita akbar fuq in-Night Security Officer. F'Jannar, 1978, inqalghu tlett incidenti, li nghidu aktar fuqhom izjed tard, li wasslu ghat-tkeccija tas-Sur Mangion mis-17 ta' Frar, 1978, bhala "Disciplinary action" kif jghid ic-certifikat tat-temm ta' mpieg iffirmat mis-Sur Preca fis-16 ta' Frar, 1978. Izjed il-quddiem nghidu aktar ukoll dwar il-fatt li ma kienx hemm twissijiet qabel ma s-Sur Mangion tkecca.

4. Ix-xhieda. Is-Sur Mangion u s-Sur Preca t-tnejn tellghu lil xulxin jixhdu. Xehdu ukoll:

Ghal l-appellant.

Mr. Mario Tabone, Front Office Cashier.
Mr. Franco Schembri, Room Service Waiter.

Ghal l-Hotel.

Mr. Joseph Schembri, Maintenance Worker.
Mr. Emanuel Cremona, Room Service Waiter.
Mr. Joseph Vassallo, Room Service Waiter.
Mr. John Mifsud, Night Concierge.
Mr. Frank Pulis, Operations Manager.
Mr. Martin Gatt, Front Office Cashier.

/.....

Minn dawn ix-xhieda, Mr. Mario Tabone, Mr. Joseph Schembri, Mr. Emanuel Cremona, Mr. John Mifsud u Mr. Frank Pulis kienu ghamlu u ffirmaw statements miktuba fi Frar, 1978, u ta' dawn l-istatements kolla gew esibiti kopji waqt is-smigh tal-kaz.

5. <u>Twissijiet.</u> Nibdew biex nosservaw li l-paragrafu 22 (d) tal-collective agreement imsemmi fil-paragrafu 3 hawn fuq jimponi li tkeccija fuq rapporti hziena tista ssir biss wara li jkunu inghataw ~~tlett~~ ZEWĠ twissijiet bil-kitba lill-impjegat. Dan ifisser li biss mat-tielet rapport hazin l-impjegat jista jitkecca. Is-Sur Preca ammetta li hu lil Mr. Mangion ma tah ebda twissija. Qal li dan ghamlu ghax l-incidenti saru fuq xulxin. Hekk jew hekk, qal is-Sur Preca, tlett incidenti kienu iwasslu ghat-tkeccija xorta wahda, anke kieku inghataw it-twissijiet stipulati fil-collective agreement. Fil-verita, l-incidenti, kif wiegeb is-Sur Mangion, ma kienuxfuq xulxin wisq. Huma saru fil-21, fl-24, u fid-29 ta' Jannar, 1978. Fid-difiza ta' l-azzjoni tieghu, s-Sur Preca qal ukoll li hu ma hax il-passi mehtiega (twissijiet) mill-ewwel ghax dejjem haseb li dawn l-incidenti, li forsi kienu frott ta' gheja jew nervi, ma jkomplux. Din hija raguni plawsibbli. Izda aqwa minna hija s-sottomissjoni tas-Sur Preca li t-tlett incidenti (ara l-paragrafu 6 hawn taht) kienu kolla kemm huma gravi, u jaqghu fost dawk imnizzlin fil-para. 22 (e) tal-collective agreement bhala rag-unijiet gusti ghal sospensjoni immedjata sakemm wiehed jara hemmx lok ghal tkeccija. Ghar-raguni li ser juri fil-para. 6 hawn taht, it-Trubunal jaqbel li l-manage-ment tal-Hotel ma kienx fl-obbligu li jghati twissijiet.

/.....

6. Incidenti. L-incidenti li wasslu ghal din it-tkeccija kienu dawn:

(1) 21.1.78. Mr. Mangion hada ma Mr. Cremona, Room Service Waiter, ghax qal li dan kien hbielu l-Ovaltine. Mr. Cremona gie insultat, u hass ruhu imhedded bil-kliem "Jew int jew jien".

(2) 24.1.78. Mr. Mangion telghalu ma Mr. John Mifsud, Night Concierge, ghax dan staqsieh kemm kienet ser iddum fuq wahda mara li Mr. Mangion kien halla titla fil-kamra ta' wiehed 'guest' ragel. Din ma kienetx haga li fiha Mr. Mifsud ma jnissux indahal. Bil-mod kif hadu Mr. Mangion u ipprova jahbat ghalih (tant li kellhom izommuh u jikkalmawh zewg impjegati ohra), Mr. Mifsud hass ruhu imhedded bi vjolenza.

(3) 29.1.78 Mr. Mangion oggezzjona meta Mr. Frank Pulis, li kien duty Manager dak il-hin, qallu bl-ordni legittma tal-Management li hu (Mangion) ma kellux jidhol fil-kamra tar-Room Service. Fuq dan, bhala sinjal ta' protesta, huwa ddisobbedixxa l-ordni legittma l-ohra li huwa kellu dejjem jiccekkja lill-impjegati qabel johorgu.

Fost ir-ragunijiet imnizzla fil-para. 22 (e) tal-collective agreement bhala bizzejjed biex wiehed jitkecca insibu

Jekk jinsulta guests, klienti, superjuri, jew impjegati.
Jekk jhedded bi vjolenza jew bi hsara ta' proprijeta.
Jekk jiddisobbedixxi ordnijiet legittmi.

/.....

Minn dan johrog car li s-Sur Michael Mangion huwa kkundannat mill-istess collective agreement li kellu jigi mkecci ghal kull wiehed mit-tlett incidenti msemmija. Taht l-istess collective agreement, ukoll, ebda wiehed mit-tlett incidenti ma kien jitlob twissija, ghal kull wiehed kien ta' natura li tim-merita tkeccija.

7. Theddid ta' vjolenza. Kif ghidna, din hija wahda mir-ragunijiet meqjusin bhala bizzejjed biex jim-meritaw tkeccija, skond il-collective agreement. U dan kull min ghandu rispett ghall-ligi ma jistax ma jaqbilx mieghu. It-Tribunal sema bl-attenzjoni id-distinzjoni li Mr. Mangion hareg bejn aggressjoni (nahseb li ried jghid 'aggressivita') u vjolenza. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk wiehed ihossux imhedded jew le hija haga soggettiva li tiddipendi minn diversi fatturi (bhal fama, karattru, lehen, mossi, hin, post, u anke disposizzjoni ta' l-istess imhedded). Ghalhekk mhux facli tghidlu: "Jien kont biss aggressiv, ghax minni hekk, u ma kelli ebda hsieb nheddek". Jekk hu hass ruhu imhedded bil-mod biex tghidlu li zbalja.

8. Konsiderazzjonijiet ohra. F'aktar minn hin wiehed, is-Sur Preca wera li kontra qalbu kecca lis-Sur Mangion. Ma hemmx dubbju li Mr. Mangion, anke mhabba l-esperjenza li kellu fil-Pulizija, kien tajjeb ghal security duties. Jidher li kien dahhal izjed dixxiplina fil-Hotel, u huwa maghruf li darba qabad tapit li kien ser jinsteraq. Imma, ghal l-inqas f'dak iz-zmien (ga intqal li forsi kien ghajjien) kien qed jitlef il-pacenzja malajr u ghalhekk il-Management hass li ma setghax jorbot fuqhu.

/.....

Infakkru li ghal xi sighat kull lejl it-tmexxija tal-hotel kienet taqa fuq Mr. Mangion. F'dawn ic-cirkostanzi, l-Management hass li ma setghax izommu.

9. AWARD. It-Tribunal jaqbel li l-Hotel ma setghetx izzomm lil Mr. Mangion, u ghalhekk ma jistax isib favur l-appellant. B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(C.J. Mallia )
Chairman

(S. Grech )
Segretarju

11 ta' Settembru, 1978.